# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 527/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**AF**

**vs**

**RGS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AF datat 28 ta' Novembru, 2018, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet zzewgu fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala* *"Dokument A".*

*Illi l-partijiet ilhom separati sa mill-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawnanness bhala* *"Dokument B".*

*Illi ghalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erbgha (4) snin separati.*

*Illi l-partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzoni bejn l-istess mizzewgin, u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni mahlufa hawn annessa u mmarkara bhala "Dokument C".*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar il-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013)*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RGS, datata 4 ta' Jannar, 2019, a fol 24, li taqra hekk:

1. *Illi in kwantu ghall-fatti tal-kaz ma hemmx kontestazzjoni.*

2. *Illi fir-rigward tar-rekwiziti kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jaqbel li l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal aktar minn erba' (4) snin, li ma hemm ebda manteniment dovut u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni. In vista ta' dan, l-esponenti ma ghandu ebda oggezzjoni li jigi pronunzjat dejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti ma jopponix ghat-talba rikorrenti.*

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Jannar, 2018 fejn id-data taz-zwieg fir-rikors promotur trid taqra 11 ta' Mejju, 2013;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**AF** xehdet a fol 28 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Mejju 2013 u kienu ottjenew is-separazzjoni legali fl-10 t'April 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RGS** xehed a fol 30 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar 11 ta' Mejju, 2013 (Vide Dok. A, a fol 4) u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 10 ta' April, 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Josef Christian Masini Vento (Vide Dok. B a fol 5 et seqq.);

Jirrizulta ukoll li m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**